# Lil Guze' Chetcuti

*Wara li qrajt iż-żewġ kotba*
*tiegħu* "Poeżiji" *u* "Melita Invicta"

Qrajt u tgħaxxaqt, ħabib, bil-versi tiegħek
Ħerġin minn qalb fil-ħeġġa taż-Żgħużija,
Għax rajtha tbusek u titgħannaq miegħek
Ħelwa l-Kelma Maltija.

Smajtkom tgħannu flimkien il-Ġmiel li jżejjen
Bil-Ward u Żahar lil din l-Art ħanina,
U r-Rieda ta' l-azzar li taf ixxejjen
Il-Ħolm ta' Qalb ħażina.

Smajtkom ukoll titniehdu fuq il-ħsara
Li xerrdu, kiefra! fuq din l-Art l-għedewwa;
'Mma l-biki tbiddel f'Għanja kollha ħrara
Ta' Rebħ il-Ħaqq u s-Sewwa.

U fuq in-nieqa ta' Tarbija ċkejkna
Liema għaqal ta' ħsieb u x'kelma rżina!
Fil-waqt li l-Omm bejn ferħ u biża' msejkna
Titlob sikta ħanina!

Għannejtu l-Ħolma tal-Milied, il-Wegħda
Tal-Paċi u l-Qalbenin li ssieltu għaliha,
Il-Waħx ta' Bniedem wieħed u l-Mibegħda
Ta' l-art li tnissel fiha.

F'kollox qalb safja minn kull għajb ta' għira,
Ħsieb ħaj li jemmen li fuq kollox Alla,
U Talb li tidher fuq dil-Gżira żgħira
Tas-Sliem tiddi l-Qawsalla.

Agħmet issa 'l quddiem, żomm fehma sħiħa,
Liġġem bil-Ħsieb il-lbit tal-Fantasija;
Hekk nisimgħu maż-żmien kbira u sabiħa
Il-Għanja tar-Rġulija.

6. 1. 46.

DUN KARM.



## WERREJ GHAS-SENA 1945

Faċċ.

**Agius, E., B.Sc., M.D., D.P.H., D.Bact. (Lond.)**
*Holqien u Qirda* ... 55
*Pass wara l-Ieħor* ... 115

**Agius, Marju**
*Villa Lija* ... 51

**A.J.V.**
Il-Poeżija ta' Ninu Cremona ... 127

**Apap, Vic.**
Tliet Imħabbiet ... 37

**Barbara, Patri V., O.P.**
*Faraġ* ... 103

**Biancardi, Nikol**
It-taqbida tal-Ħajja ... 5

**Briffa, Ros., B.Sc., M.D.**
*Il-Kotra u Jiena* ... 35
*Ballata* ... 85

**Buontempo, Rev. Amante**
Egħluq is-Sena mill-Ingress ta' l-Arċisqof ... 60

**Cassar Pullicino, Ġ.**
Fuq Kemmuna ... 52
Irene ... 117

**Chetcuti Ġużè**
Il-Ħidma Tagħna fl-1943 ... 18
*Il-Mewt* ... 84

**Cremona, A.**
Hekk kien Miktub ... 8, 45, 68
Etimoloġija ... 56
Etimoloġija u Ortografija ... 86
Trieq jew Triq? ... 120

**Dun Karm**
*Lil Dun Anton Mifsud* ... 67
*Lil Gużè Chetcuti* ... 130

**Editorjali**
Is-Sena 1945 ... 3
Kotba bil-Malti fi Żmien il-Gwerra ... 33
Dun Karm, D.Litt. ... 65
Traduzzjonijiet bil-Malti ... 65
Il-Qagħda tal-Malti fl-Istruzzjoni tal-Pajjiż ... 97

**Ellul, Louis**
*Lhudija* ... 43
Il-Poeżija "Nemmen" ta' G. Chetcuti ... 88